**Dispożittiv**

(1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tat-28 ta' April 2010 (Każ R 1020/2008-4), hija annullata sa fejn l-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell dwar ix-xebh bejn is-sinjali inkwistjoni hija żbaljata.*

(2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

(3) *L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 234, 28.08.2010.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Novembru 2011 — Chabou vs UASI — Chalou (CHABOU)**

**(Kawża T-323/10)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali CHABOU — Trade marks nazzjonali u internazzjonali verbali preċedenti Chalou — Rifjut ta' reġistrazzjoni — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) u Artikolu 12(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2012/C 6/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Chickmouza Chabou (Rheine, il-Ġermanja) (rappreżentant: K.-J. Triebold, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Schäffner, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Chalou GmbH (Herschweiler-Pettersheim, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Träger, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-20 ta' Mejju 2010 (Każ R 1165/2009-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Chalou GmbH u Chickmouza Chabou.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Chickmouza Chabou huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 288, 23.10.2010.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Novembru 2011 — Abbott Laboratories vs UASI (RESTORE)**

**(Kawża T-363/10)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali RESTORE — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 — Ksur tad-dritt għal smigħ — Obbligu ta' motivazzjoni — L-ewwel u t-tieni sentenzi tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009")***

(2012/C 6/24)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Abbott Laboratories (Abbott Park, Illinois, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: M. Kinkeldey, S. Schäffler u J. Springer, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant): R. Manea, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tad-9 ta' Ġunju 2010 (Każ R 1560/2009-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali RESTORE bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Abbott Laboratories hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 288, 23.10.2010.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Novembru 2011 — Hrbek vs UASI — Outdoor Group (ALPINE PRO SPORTSWEAR & EQUIPMENT)**

**(Kawża T-434/10)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva ALPINE PRO SPORTSWEAR & EQUIPMENT — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti alpine — Użu ħażin ta' poter — Artikolu 65(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009")***

(2012/C 6/25)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Václav Hrbek (Augustinova, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: C. Jäger, avukat)